**5 ta' Ottubru, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

L-Onorevoli dottor Joseph Brincat u Marie Louis Colerio

**Malafama – Kwerela – Libertà ta' Espressjoni – Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja dwar Drittijiet u Libertajiet Fundamentali**

*Il-mertu kien dwar proċediment "ex officio" mill-Pulizija mingħajr kwerela għall-kawża ta' Malfama.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi ma kienx hemm dubju li l-persuni li lilhom ġew attribwiti l-fatti allegatament malafamanti mill-Istampa ta' l-intimati kellhom kull dritt li jaġixxu biex jipproteġu r-reputazzjoni tagħhom – imma meta dan m'għamluhx, allura l-azzjoni preżenti magħmula mill-Pulizija ex officio hija magħmula mhux tipproteġi dawk ir-reputazzjonijiet (parti integrali mill-valuri persunali u individwali) imma fl-interess tas-soċjetà li fil-kuntest preżenti huwa interess soċjali li faċilment huwa riduċibbli għal interess statali.*

*L-intromissjoni tal-Pulizija fil-libertà ta' l-espressjoni f'dan il-każ għalhekk mhix diretta biex tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi ta' natura pubblika, li jsemmu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. L-azzjoni tal-Pulizija mhix neċessarja f'soċjetà demokratika.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali għalhekk sabet illi l-azzjoni meħuda mill-Pulizija ma kenitx konformi mal-libertà ta' espressjoni protetta mill-art. 41 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 10 ta' l-Att XIV ta' l-1987.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Fit-3 ta' Awissu, 1989, il-Pulizija ħarġet taħrika kontra l-imsemmija dottor Joseph Brincat u Marie Louise Coleiro u akkużathom illi f'dawn il-Gżejjer bħala editur u stampatur tal-gazzetta "Il-Ħelsien", fil-ħarġiet ta' l-14 u tat-28 ta' Lulju, 1989 bil-pubblikazzjonijiet "Anzjani maħruqin fi sptar tal-Gvern" imxandra fil-ħarġa ta' l-14 ta' Lulju, 1989 u "Fis-sala tal-kanċer

fl-isptar Boffa, nikkonfermaw il-moħqrija'' li dehret fil-ħarġa tat-28 ta' Lulju, 1989, li kopji tagħhom ġew annessi mat-taħrika u jifforma parti minnha – dokumenti ''A'' u ''AA'' – taw malafama lill-Onorevoli dottor Louis Galea, Ministru tal-Politika Soċjali, lill-Onorevoli dottor George Hyzler, Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Politika Soċjali, b'responsabbilità għas-aħħa, lil dottor John Giglio, Tabib Prinċipali tal-Gvern, lil dottor David Cefai Superintendent ta' l-Isptar Sir Paul Boffa u lil Violet Camilleri ''Nursing Officer'', Ward 4, fl-istess Sptar, billi attribwewlhom fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tagħhom jew li jesponuhom għar-ridikolu u għad-disprezz tal-pubbliku bi ksur ta' l-artikolu 11(a) ta' l-Att dwar l-Istampa – Att XL ta' l-1974;

Fl-4 ta' Awissu, 1989, l-avukat dottor Joseph Brincat ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta u ssottometta li fil-proċediment jonqos il-kwerela tal-partijiet u l-Pulizija mxiet ''*ex officio*'' u li din l-azzjoni tal-Pulizija tmur kontra l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja; illi huwa ma ta malafama lill-persuni imma eżerċita d-dritt tal-libertà ta' l-istampa, u għalhekk anki jekk il-liġi ta' l-Istampa u l-ġurisprudenza jagħtu l-azzjoni penali, kif proposta, dawn huma in-kostituzzjonali u jmorru kontra l-Konvenzjoni Ewropeja;

Fil-11 ta' Awissu, 1989 dik il-Qorti rriferiet il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata quddiemha, lill-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla – kif jiddisponu l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 41(3) ta' l-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja;

Fit-trattazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 1989, ġie rreġistrat illi l-partijiet in kawża jaqblu illi ma ġiet ipprezentata ebda kwerela minn xi waħda mill-persuni li, skond l-imputazzjoni, kienu ġew malafamati;

**Sentenza tat-23 ta' April, 1992.**

Fit-23 ta' April, 1992 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-oġġezzjoni kostituzzjonali ta' l-imputati, billi qalet:

*Omissis;*

**Appell**

L-imputat l-Onorevoli dottor Joseph Brincat appella lil din il-Qorti Kostituzzjonali għaliex issottometta illi:

(a) l-ewwel qorti qabżet il-punt fundamentali tal-kwistjoni u daħlet f'materja rrilevanti;

(b) illi r-restrizzjonijiet għal-libertà ta' l-Istampa jridu jkunu imposti b'liġi u meħtieġa f'soċjetà demokratika;

(ċ) illi mhux kontestat li għandu jkun hemm dritt għall-azzjoni penali kontra l-malafama permezz ta' l-Istampa. Dak li huwa kontestat huwa l-**mod** li jiġi eżerċitat dak id-dritt. "Tista' tgħid li trid u tikteb li trid, però Alla ħares, issemmi l-isem tal-Ministri jew l-uffiċjali pubbliċi għaliex l-Istat jidħol ħalli jipproteġi lilu nnifsu u *lill*-Ministri u *l*-uffiċjali pubbliċi jew jinqeda bis-sistema ħalli jgħarbel jekk humiex tajbin jew le";

(d) illi "huma l-persuni, li jħossuhom inġurjati, li għandhom il-jedd li jressqu l-ilment tagħhom u jkollhom rimedju u mhux l-Istat jidħol hu, anke jekk huma ma jħossuhomx inġurjati";

L-Istat jista', u għandu, jgħin lil min jitlob il-protezzjoni tiegħu imma m'għandux imexxi l-azzjoni minn jeddu meta l-persuna malafamata ma tkunx ħadet l-azzjoni hi;

**Il-punt tal-kontroversja**

Kif jidher mill-bidu tal-kwotazzjoni mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, il-punt preċiż tal-kontestazzjoni, ġie identifikat, u l-lament ta' l-intimati illi dan il-punt fundamentali fis-sentenza appellata nqabeż, – għalhekk, m'huwiex ġustifikat;

Dak li qiegħed jiġi mill-intimati, attakkat, bħala konfliġġenti mad-dettami ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10 ta' l-ewwel skeda ta' l-Att XIV/1987 – huwa d-dritt konċess lill-Istat, permezz tal-Pulizija, li f'każ ta' allegata malafama lil xi persuna permezz ta' l-Istampa, meta l-vittima ta' l-istess malafama ma titlobx il-protezzjoni ta' l-azzjoni kriminali, xorta waħda, il-Pulizija tista', wara li jkunu għaddew erbat ijiem mid-data ta' l-allegat reat, tagixxi minn jeddha. Dan jipprovdi għalih l-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali – Kap. 9 – però n-norma preċiża li qed tiġi kkontestata bħala leżiva tad-drittijiet fundamentali ta' l-imputati hija dik li hemm **fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 31 Kap. 248** tal-liġi ta' l-Istampa;

**L-artikoli rilevanti**

L-artikoli rilevanti għall-vertenza huma: – Kostituzzjoni – art. 41(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni, magħduda libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil, libertà li jirċeivi ideat u tagħrif mingħajr indħil, *libertà li jikkomunika ideat u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk* il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u libertà minn indħil dwar il-korrispondenza tiegħu;

(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu safejn dak il-liġi tagħmel provvediment: –

(a) li jkun meħtieġ raġonevolment:

(i) fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew diċenza pubblika, jew saħħa pubblika; jew

(ii) sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra jew il-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri legali, jiġi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorità u l-indipendenza tal-qrati, jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament, jew jiġu rregolati t-telefonu, it-telegrafu, il-posta, ix-xandir bil-"*wireless*", it-televiżjoni jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni, esibizzjonijiet jew divertimenti pubbliċi; jew

(b) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi,

u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skond il-każ, il-ħaġa magħmula skond l-awtorità tiegħu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika;

**Artikolu 10 ta' l-ewwel skeda fl-Att XIV/1987.**

(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-artikolu m'għandux jimpedixxi l-Istati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi;

(2) L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-disordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura'';

**Artikolu 373 Kap. 9 – Kodiċi Kriminali**

Fir-reati ta' kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja l-eżerċizzju ta' l-azzjoni kriminali, imiss lill-offiż jew għalih, lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela ta' l-offiż;

*Iżda meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax* titmexxa ħlief bi kwerela ta' l-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi *l*-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat;

**Art. 31 – Kap. 248 – L-Istampa.**

(1) L-azzjoni kriminali għal kull reat taħt l-artikoli 11 u 21 jistgħu jinbdew biss bi kwerela tal-parti offiża jew tal-pesuni msemmija fl-artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali;

(2) Id-disposizzjonijiet kollha tal-Kodiċi Kriminali dwar proċedimenti bi kwerela privata, magħduda b'mod partikolari *d-disposizzjoni ta' l-artikolu 373 ta' dak il-Kodiċi, għandhom*, safejn applikabbli, japplikaw għall-proċedimenti fuq kwerela privata taħt dan l-artikolu;

**Il-konsiderazzjonijiet.**

Eżaminat l-inkartament tal-kawża, u senjalatament, il-konsiderazzjonijiet li hemm fis-sentenza appellata; għandhom isiru dawn l-osservazzjonijiet:

(a) M'hemmx dubju li l-azzjoni kriminali li qed titmexxa *kontra l-imputati hija waħda* li ġiet segwita diversi drabi, fil-prattika ta' dawn il-Qrati u li qatt ma ntqal li hija proċedura ħażina, u dan fis-sens, illi hija prattika konsentita u konformi

mal-liġi kif inhi;

(b) M'huwiex daqstant aċċettat it-tieni riliev li hemm fis-sentenza appellata, jekk dan ma jiġix ikkwalifikat. Is-Soċjetà għandha interess li tħares l-unur, id-dekor u r-reputazzjoni ta' kull persuna, però dan l-interess, huwa, jew għandu jkun, **sussidjarju, għall-interess superjuri u primarju ta' dik l-istess persuna offiża.** Biex jingħad mod ieħor, ikun ifisser illi l-interess tas-soċjetà ma jkunx dak li tiddefendi l-interess tal-persuna, imma li tiddefendi xi interess ieħor, liema interess la huwa definit u lanqas ma jidher ċar, x'inhu. Difatti, is-supremazija ta' l-interess tal-persuna offiża, fil-liġi kif inhi, hija limitata għall-ewwel erbat ijiem mid-data tar-reat, meta l-offiż jista' jew jaġixxi, u bi kwerela, jippromwovi l-azzjoni kriminali, jew jirrinunzja formalment għad-dritt li jaġixxi b'dan il-mod. Wara li jgħaddu dawk l-erbat ijiem però, kif inhi l-liġi llum, l-offiż li ma jkunx għażel xi waħda miż-żewġ alternattivi msemmija, jitlef kull kontroll fuq is-sitwazzjoni, u fl-agħar ipoteżi, jekk u meta, il-Pulizija tiddeċidi li tmexxi hi, l-azzjoni kriminali, huwa jista' faċilment isib ruħu fil-posizzjoni li jiġi mħarrek biex jixhed fuq l-"offiżi" arrekati lilu, mhux għaliex irid jiddefendi ruħu u l-interessi tiegħu, imma biex jiġu difiżi l-interessi li għandha "s-soċjetà" suppost, fir-reputazzjoni tiegħu;

Is-sentenza appellata, imbagħad, meta l-persuna offiża tkun tokkupa xi kariga pubblika, tesponi illi "s-soċjetà" għandha interess li tara li tinżamm nadifa r-reputazzjoni ta' min huwa responsabbli għax-xogħol tal-Gvern u tiddikjara li f'dawn il-każijiet, l-azzjoni tal-Pulizija m'għandhiex tiġi inċiampata mill-inerzja tal-parti leża fejn din:

"ma jkollhiex interess jew motivazzjoni biżżejjed biex tmexxi 'l quddiem għall-inġurija bil-kwerela tagħha, għaliex tkun trid tevita indaġini dwar il-verità tal-fatti li jkunu ġew attribwiti lilha; dan ta' l-aħħar huwa aspett fejn jista' jagħti l-każ illi l-interessi tas-soċjetà u dawk ta' l-individwu inġurjat li jkollu kariga pubblika ma jkunx l-istess, anzi jistgħu jkunu konfliġġenti";

Hawnhekk is-sentenza appellata, però, qed tinsa li l-liġi stess, għall-ewwel erbat ijiem wara l-kommissjoni tar-reat, tikkonċedi lill-parti lesa l-fakoltà tar-rinunzja għall-azzjoni. U dan juri mhux biss illi l-azzjoni hija fundamentali bbażata fuq il-ħtieġa *tad-difiża ta' l-individwu u mhux tal-kollettività, imma* wkoll, li s-supposti interessi soċjali huma sempliċement riflessi ta' perspettiva eċċessivament awtoritarja tal-liġi kriminali, u m'humiex ġenwinament dekorati min-**neċessità** ta' interessi pubbliċi superjuri għall-interessi privati; kif dawn huma eċċezzjonalment kontemplati fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

Difatti, dan kollu jillustrah il-kwadru sħiħ tal-metamorfosi li għalih kien assoġġettat dan l-artikolu minn meta ġie oriġinarjament redatt fl-1900, – sa meta saret l-aħħar emenda tiegħu fl-1909. Skond il-manija konfużjonarja li għadha anki prevalenti, in-*numru* ta' l-artikolu 373 Kap. 9 tbiddel hekk –

337 (1900), 367 (1901), 371 (1914), 385 (1942), 373 (1984);

Oriġinarjament l-artikolu ġie konċepit hekk: –

Art. 337 – *"Nei reati di competenza della Corte della Polizia Gudiziaria, l'esercizio dell'azione criminale appartiene alla parte danneggiata od offesa e per essa alle persone indicate*

*nell'articolo 456 quando non si può procedere che a querela della parte stessa'';*

U dan kien in armonija ma' dak li kien il-prinċipju ġenerali, in materja, enunċjat fl-artikolu 313 ta' l-Ordinanza ta' l-1854 (illum art. 346(3) ): –

''Il-Pulizija ma timxix ħlief b'talba tal-parti privata fil-każijiet li fihom il-liġi ma tagħtix li l-azzjoni titmexxa mingħajr dik it-talba'';

Fl-1903 ġie introdott nofs il-provviso li hemm fl-artikolu llum, sabiex jawtorizza lill-Pulizija li tmexxi ''*ex officio*'' meta r-reati li normalment jitolbu l-kwerela tal-parti offiża, kienu akkompanjati minn **vjolenza pubblika** jew minn **reat ieħor li jinteressa l-ordni pubbliku;**

Fl-1909 imbagħad, daħlet it-tieni parti tal-provviso, kif jidher illum; fejn ma' l-eċċezzjonijiet ta' l-1903, daħlet il-fakoltà totalizzanti għall-azzjoni mill-Pulizija **f'kull ċirkostanza krimianli,** sakemm ma jkunx hemm rinunzja espressa mill-persuna offiża, fi żmien erbat ijiem;

Din l-involuzzjoni lliberali, fil-konflitt bejn interess privat, interess intimu ta' l-individwu, u l-interess pubbliku, – interess, kif intqal, fl-aħjar ipoteżi remot u indirett – m'hemm l-ebda dubju li għandu jirbaħ l-interess privat. Dan qed jingħad b'mod speċjali b'riferenza għar-reat ta' inġurja jew malafama – ikun xi jkun il-mezz użat. Huwa evidenti infatti li dak li hemm prospettat fis-sentenza appellata, (rigward il-malafama proferita kontra uffiċjal pubbliku), m'huwiex konsoni mal-prinċipji tal-

ġustizzja li l-Istat biex isir jaf il-"fatti" jisserva bid-dritt tal-persuna offiża – biex jiskopri "fatti" kontra l-istess persuna offiża – u dan sempliċement għaliex, l-istess persuna, tkun sprovvista mix-xjenza ġuridika neċessarja b'mod, li ma tirrinunzjax espressament għad-dritt tagħha fi żmien erbat ijiem. L-inġustizzja hija pależi għaliex ir-rikonixximent ta' valur ġudizzjarju superjuri huwa sussegwentement preteswożament stultifikat billi huwa soprafatt minn valur ġudizzjarju inferjuri. Dan jindika għaliex din il-Qorti ma tistax tikkondividi dak li hemm fis-sentenza appellata, li din il-posizzjoni "legali" tista' twassal għall-ġudizzju illi: –

"Xejn minn dan kollu, ... ma jista' jitqies li mhux bżonnjuż fis-soċjetà demokratika tal-lum";

għaliex ċertament mhux talli **m'huwiex bżonnjuż,** imma huwa kontro-indikat;

10. L-aħħar konsiderazzjoni fis-sentenza appellata tirrigwarda l-kostituzzjonalità o meno tal-posizzjoni legali, kif deskritta fil-paragrafu preċedenti; jew fi kliem aktar preċiż, imma itwal, il-kwistjoni jekk l-applikazzjoni ta' l-artikolu 31, Kap. 248 u l-proviso ta' l-artikolu 373 Kap. 9 fil-każ preżenti, hijiex kompatibbli ma' dak li hemm provvedut fl-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10 ta' l-ewwel skeda ta' l-Att XIV/1987;

Jingħad illi dawn l-aħħar disposizzjonijiet: –

"ma jikkonsidraw illi d-dritt għal-libertà ta' espressjoni bħala miksur bil-limitazzjonijiet li għandu jkun hemm f'dawk il-każi **fejn hemm lok għall-protezzjoni tar-reputazzjoni ta'**

**ħaddieħor**...

Il-każ tal-lum, fil-fehma tal-Qorti, huwa proprju wieħed minn dawn il-każijiet'';

Il-premessa hija korretta u naturalment kondiviżibbli. Hija l-konklużjoni, fuq il-każ tal-lum, li hija żbaljata;

Is-sentenza appellata stess, kif ġie ampjament trattat fil-paragrafu preċedenti, iġġustifikat din l-azzjoni kriminali mmexxija mill-Pulizija, mhux a bażi ta' l-interessi tal-persuni offiżi, imma a bażi ta' l-ipotetiku interess soċjali. M'hemmx ebda dubju li l-persuni li lilhom ġew attribwiti l-fatti allegatament malafamanti, mill-Istampa ta' l-intimati, kellhom kull dritt li jaġixxu biex jipproteġu r-reputazzjoni tagħhom – imma meta dan m'għamluh, allura, l-azzjoni preżenti, magħmula mill-Pulizija *ex officio,* hija magħmula mhux biex tipproteġi dawk ir-reputazzjonijiet, (parti integrali mill-valuri personali u individwali) imma fl-interess tas-soċjetà, li – fil-kontest preżenti mbagħad, minħabba l-karigi pubbliċi li l-persuni msemmija jokkupaw – huwa interess soċjali li faċilment huwa riduċibbli għal interess **statali**, jekk m'huwiex addirittura, interess li jikkomprendi l-Gvern, l-Istat u s-Soċjetà, u f'dik l-ordni;

U dan huwa, f'dan il-każ konkret, l-aspett, li huwa inkompatibbli mal-valuri fundamentali tal-libertà ta' espressjoni protetti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Huwa manifest li meta l-Pulizija taġixxi *ex officio* għal reati ta' malafama li joffendu r-reputazzjoni ta' xi persuna, u dan tagħmlu meta m'hemmx il-kwerela ta' dik il-persuna, tkun qed taġixxi mhux biex tipproteġi dik ir-reputazzjoni. Kompitu bħal dan fis-soċjetajiet

moderni huwa assolutament impossibbli, u difatti malajr spiċċa biex sar ultra selettiv, użat f'każijiet partikolari biss, u għalhekk, inġustament diskriminatorju. Il-Pulizija – għan-nom ta' l-Istat – tista' biss taġixxi "biex tħares ir-reputazzjonijiet taċ-ċittadini" fil-każijiet, "ta' interess soċjali" u dan it-trattament differenti jirriduċi ruħu għal trattament diskriminatorju a bażi ta' kariga jew fehma politika, li huwa inammissibbli fi stat demokratiku;

Għalhekk din il-kwalità ta' azzjoni kriminali – introdotta fl-1909 – meta tiġi eżerċitata mill-Pulizija, tirriduċi ruħha, fir-realtà konkreta socio-politika tal-lum, f'azzjoni diretta biex tipproteġi *l-Istat jew il-Gvern, li jistaħbew wara l-velu* – effettivament, faċilment, trasparenti, ta' "id-difiża' tal-fama u l-isem tajjeb ta' kull individwu". Mentri huwa dan l-aħħar dritt li fil-każijiet kongruwi, huwa superjuri għal-libertà ta' espressjoni – kif igħid l-art. 41(2)(ii) tal-Kostituzzjoni:

"sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra..."

u l-artikolu 10(2) fl-ewwel skeda mill-Konvenzjoni:

"... għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor ..."

u mhux id-"dirtt ipotetiku tas-soċjetà/gvern/stat għan-nom ta' l-individwi offiżi;

***"Article 10 of the European Convention on Human Rights"***

11. Huwa forsi utli fil-konklużjoni ta' din is-sentenza, li jsir kumment qasir fuq il-portata ta' dan l-artikolu, li ngħatat mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, fis-sentenza fil-każ magħruf bħala *Handyside* – pubblikata f'*Series A No. 34;*

L-ewwelnett l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni, meħud fil-kumpless tiegħu, jistabbilixxi tlett kriterji ta' kontroll, li għandhom jiġu applikati biex jiġġustifikaw l-inammissibilità tal-libertà ta' espressjoni, bħala dritt fundamentali, jiġifieri, tali interferenza, kontra dik il-libertà, trid tkun:

(a) awtorizzata b'liġi;

(b) tkun diretta li tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi msemmija fl-istess artikolu; u

(ċ) li tkun neċessarja f'soċjetà demokratika, kompatibbilment ma' l-obbligi u r-responsabbilitajiet li l-libertà ta' espressjoni, timporta;

Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-interferenza:

(a) tista' tingħad li hija "formalment" preskritta b'liġi;

(b) però mhux diretta li tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi rikonoxxuti. Hawnhekk għandu jiġi enfasizzat, illi l-imputazzjoni kontra l-intimati mhix illi dak li kitbu u ppubblikaw imur kontra:

"(i) l-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku jew diċenza pubblika, jew saħħa pubblika; jew

(ii) sabiex ... jiġi evitat il-kxif ta' tagħrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorità u l-indipendenza tal-qrati, ..."

kif hemm fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, jew

"... *in the interests of national security, territorial integrity or public safety, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals ... for preventing the disclosure of information received in confidence, or for maintaining the authority and impartiality of the judiciary*"

kif jgħid l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni, **imma hija li: –**

"**taw malafama** lill-Onorevoli dottor Louis Galea, Ministru tal-Politika Soċjali, lill-Onorevoli dottor George Hyzler, Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Politika Soċjali, b'responsabbilità għas-saħħa, lil dottor John Giglio, Tabib Prinċipali tal-Gvern, lil dottor David Cefai Superintendent ta' l-Isptar Sir Paul Boffa u lil Violet Camilleri, *Nursing Officer, Ward 4,* fl-istess sptar, **billi attribwewlhom fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tagħhom jew li jesponuhom għar-ridikolu u għad-disprezz tal-pubbliku...**";

L-intromissjoni tal-Pulizija fil-libertà ta' espressjoni, f'dan il-każ, għalhekk mhix diretta biex tilħaq xi wieħed mill-iskopijiet leġittimi ta' natura publika, li jsemmu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Meta l-iskop ikun ta' natura privata, allura biex dan ikun leġittimu u leġittimament eżerċitata, ikun jeħtieġ b'mod ċar u inekwivokament, l-espressjoni tal-priorità tal-protezzjoni ta' l-interess u d-dritt privat, li jispettaw biss lil dawk il-persuni privati, u nkwantu tali huma protetti. Liema protezzjoni hija

skalata superjorment, mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

(ċ) Dak li għadu kif intqal, naturalment, isib l-alimentazzjoni ulterjuri tiegħu, fit-tielet element ta' kontroll. Dan għaliex, huwa f'soċjetà demokratika, li dik id-distinzjoni bejn l-aspett "pubbliku" u l-aspett "privat" ta' l-azzjoni kriminali, – (li fis-sistema tagħna, hija essenzjalment "pubblika") – għandha sens sostanzjali – b'mod li għandha tipprevali fuq kull intendiment ieħor formali, *sia pure* "legali", imma li mhux dritt u ġust, skond il-kriterji ta' dritt u ġustizzja li, nonostante ċ-ċeċita tal-bniedem, matul is-sekli – bil-mod il-mod, u forsi anki imperċettibbilment, ikomplu javvanzaw. L-azzjoni kif eżerċitat mill-Pulizija – kif diġa ntqal fil-paragrafu 9 *supra* – **mhix neċessarja** f'soċjetà demokratika, u għalhekk jolqotha dan it-tielet element ta' kontroll stabbilit mill-Qorti Ewropeja;

Il-każ preżenti ma jissodisfax tnejn mit-tliet kundizzjonijiet li hemm bżonn, biex ikun ġustifikat;

Dan il-paragrafu jista' jingħalaq b'din il-kwotazzjoni mill-imsemmija sentenza fil-każ ta' *Handyside:* –

"*freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, (i.e. democratic society* u din il-Qorti tgħid, soċjetà ġusta) *one of the basic conditions for the development of every man. Subject to paragraph 2 of article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population, tolerance and broadmindedness without which there is no democratic society*"

*(ibid p. 24 para. 49);*

Dawn il-prinċipji – ġew kollha ripetuti u ribaditi f'sentenza sussegwenti magħrufa bħala LINGENS, tat-8 ta' Lulju, 1986, – b'mod partikolari u b'enfasi, it-teorija ta' neċessità f'soċjetà demokratika meta jkun hemm interferenza fil-libertà ta' espressjoni. (*Series A Vol. 103* paragrafi 41 u 47):

Għaldaqstant l-appell ta' l-intimati qed jiġi milqugħ u din il-Qorti qed tiddikjara illi l-azzjoni meħuda mill-Pulizija kontra l-imputati, mhix in konformità mal-libertà tagħhom ta' espressjoni protetta mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 10 ta' l-ewwel skeda ta' l-Att numru XIV ta' l-1987;

L-ispejjeż – stante n-novità tal-kwistjoni – fiż-żewġ istanzi, jitħallsu nofs kull wieħed, bejn il-Kummissarju tal-Pulizija minnaħa, u l-imputati appellanti mill-oħra.